MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2004

Numru 954/2003

Il-Pulizija
(Sp Angelo Caruana)
vs
Brooks Lia, iben Vincent, imwieled
Pieta' fid-9 ta' april, 1973

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'San Pawl il-Baħar, fit-12 ta' awissu, 2003 għal ħabta tad-9.00 a.m. ikkometta serq ta' stereo, amplifier u CDs minn vettura tal-għamla Hyundai, bin-numru tar-reġistrazzjoni AAE 438, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, li sar għad-dannu ta' Joseph Sammut;
2. talli fit-13 ta' awissu, 2003 u matul il-jiem ta' qabel din id-data, f'Malta xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta, kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

3. talli kiser il-provvedimenti tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta skond sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-12 ta’ marzu, 2003 li biha kien ġie misjub ħati ta’ reati u liberat taħt kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tas-16 ta’ jannar, 2004 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ jannar, 2004 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ jannar, 2004 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li l-imputat ikkolabora mal-pulizija u li hu rritorna r-refurtiva kollha.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-ewwel u tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(g), 264, 267, 271(g) u 278(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ikkollabora mal-pulizija u ammetta l-ħtija tiegħu fl-ewwel seduta ta’ din il-kawża. Minbarra dan, l-imputat beda programm residenzjali għar-riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Għalhekk, tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ mitejn liri maltin (Lm200).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------